**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

**34/19**

**l-Erbgħa u tletin (34) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar il-13 ta' Jannar, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat** | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| **Assenti:** | Is-Sur Gianluca Degabriele | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata
   (a) Performance bonus Segretarju Eżekuttiv
   (b) Performance bonus impjegati
   (c) Rapport Amministrattiv
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.40 ta' filgħaxija.

## 2. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 33/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti 33/19**

2.2.1 Jitneħħa n-numru (32) u jsir (33).
2.2.2 Minuta 7(a) – titneħħa l-kelma "irrimarka" u "ssir rrimarka"

2.2.3 Minuta 7(a) – titneħħa l-kelma "akvukat" u ssir "avukat"
2.2.4 Minuta 8 – titneħħa l-kelma "preżentati" u ssir "ippreżentati".

2.3 Il-Minuti tal-laqgħa ġew approvati unanimament.

**3. Affarijiet li jitqajmu mill-minuti**

**3.1** Minuta 3.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li saret pubbliċita' fl-iskola Primarja ta' Santa Tereża u jidher li l-ġenituri qed juru nteress f'din id-diskussjoni dwar l-ansjeta' fit-tfal. Is-Sindku kompla billi nformaw lill-membri li kif kien ġie maqbul fil-laqgħa ta' qabel il-prezz ser ikun ta' €5 kull persuna

Il-Membri qablu unanimament.

3.2 Minuta 3.2 - Is-Sindku nforma lill-membri li l-Ħamis 14 ta' Jannar 2015 flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv għandu laqgħa ma Dr Pawlu Lia sabiex jittieħed parir legali fuq il-bini ta' appartamenti u garaxxijiet (out line development permit) ta' Bandallu li hemm f'Misraħ Santa Venera ma Triq Misraħ il-Barrieri.

Il-Membri qablu unanimament.

**3.3** Minuta 3.3 – Dwar il-korsijiet tat-TCTC is-Sindku nforma lill-membri li dawn ser isiru kif dejjem saru fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kull nhar ta' Ħamis filgħodu u filgħaxija.

Il-Membri qablu unanimament.

**3.4** Minuta 3.5 - Is-Sindku nforma lill-membri li għall-festin għat-tfal tal-Milied attendew 14 il-tifel u tifla. Is-Sindku kompla billi qal lill-membri li r-rendikont tal-ispiża ser ikun preżentat fil-laqgħa li jmiss.

Il-Membri qablu unanimament

**3.5** Minuta 3.6 – Is-Sindku stieden lill-Viċi Sindku s-Sur Jonathan Brimmer sabiex jispjega l-andament ta' kif ser ikun il-programm tat-*twinning* li kien ser isir bejn 17 ta' Jannar 2015 u 21 ta' Jannar 2015.

Is-Sur Brimmer qassam lill-membri l-programm kif ukoll il-kontenut kollu li ser ikun preżentat lid-delegazzjonijiet li ġejjin. Huwa spjega l-programm kollu u stieden lill-membri sabiex jattendu għall-attivitajiet. Barra minn hekk is-Sur Brimmer qal li għall-*International Night* huma żewġ għaqdiet lokali li ser jipparteċipaw li huma s-Socejta' Filarmonika ta' Santa Venera u l-Għaqda tan-Nar 26 ta' Lulju. Apparti dan, kemm il-Klabb tal-Boċċi u l-Iscouts ipparteċipaw ukoll b'mod indirett.

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

Is-Sur Brimmer kompla billi nforma lill-membri li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ser ikunu 24 siegħa mad-delegazzjonijiet.

Il-Membri qablu unanimament

3.6 Minuta 9.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li dwar il-każ tas-Sur Chris Micallef għadu ma ġiex riżolt. Għaldaqstant ġie suġġerit li nieħdu parir mingħand il-perit.

jitħched

Il-Membri qablu unanimament

**4 Korrispondenza**

4.1 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kulleġġ Santa Tereza sabiex il-Kunsill jipparteċipa fil-"Work Exposure Project" fejn bejn 9 u 13 ta' Marzu 2015 studenti bniet tar-raba' sena sekondarja u bejn 4 u 8 ta' Mejju 2015 studenti subien tar-raba' sena sekondarja jiġu l-Kunsill 4 sigħat kuljum għall-osservazzjoni biex jippreparaw ruħhom għad-dinja tax-xogħol. Is-Sindku huwa tal-fehma li l-Kunsill għandu jipparteċipa.

Il-Membri qablu unanimament.

4.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Martin Cassar, "youth support worker". Is-Sindku qal li s-Sur Cassar qiegħed jitlob "work placement" għal student b'diffikultajiet intellettwali sabiex jibda jiġi l-Kunsill 6 siegħat kuljum. Is-Sindku nforma lill-membri li huwa jaqbel li l-Kunsill jgħin kif jista' lil studenti bħal dan.

Il-Membri qablu unanimament.

4.3 Is-Sindku rrimarka dwar il-possibilta' li jerġgħu jiġu organizzati diskussjonijiet dwar is-saħħa mill-Kura Primarja. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex dawn isiru fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum b'koordinament ma' Ms Sacco.

Sa

Il-Membri qablu unanimament.

**5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni**

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

**6 Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 606 sa lment numru 615.

Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

| | |
|---|---|
| 606 | Azzjoni ttieħdet |
| 607 | Azzjoni ttieħdet |
| 608 | Ma tistax issir – il-ħatt jista' jsir fil-premises tagħhom stess |
| 609 | Azzjoni ttieħdet |
| 610 | Transport Malta |
| 611 | Central Asphalt |
| 612 | Ħaddiema Assejnati |
| 613 | Tabella – Koptasin<br>Bollard – Contract Manager u ritratti |
| 614 | Triq Bajjada konfini Qormi |
| 615 | Transport Malta |

F'dan l-istadju, fit-7.45 ta' filgħaxija, is-Sur Jonathan Brimmer ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

## 7. Ordnijiet tal-Ġurnata

F'dan l-istadju, fit-7.45 ta' filgħaxija is-Sur Michael Mifsud ħareġ mill-kamra peress li kien ser jiġi diskuss il-performance bonus tiegħu.

### (a) PerformanceBonus Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku preżenta l-Bonus appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2014. Is-Sindku ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Michael Mifsud għandu jingħata 9%. Is-Sinjura Elizabeth Vella ssekondat lis-Sindku.

Il-Membri qablu unanimament

F'dan l-istadju fit-8.00 ta' filgħaxija, is-Sur Michael Mifsud reġa' ħa postu madwar il-mejda.

### (b) Performance Bonus Impjegati

Is-Sindku preżenta wkoll l-Bonus appraisal tal-ħaddiema għas-sena 2014 u wara li ġew analiżżati u diskussa l-Membri qablu kif ġej:

- Is-Sur Carmel Busuttil, Executive Officer, għandu jingħata 6%;
- Is-Sinjorina Sharon Mifsud, Clerk, għandha tingħata 6%.

Is-Sindku ippropona u gie ssekondat mis-Sinjura Elizabeth Vella. Il-Membri qablu unanimament.

### (c) Rapport Amministrattiv

Is-Sindku nforma lill-membri li s-Segretarju Eżekuttiv preżentalu draft tar-Rapport Amministrattiv u dan għandu jkun diskuss u approvat fil-Laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Il-Membri qablu unanimament

**8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

Ma kien hemm l-ebda minuti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati li ġew ippreżentati waqt it-34 laqgħa.

**9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

9.1 Is-Sindku nforma lill-membri li rċieva komunikat mill-uffiċċju tal-President fejn ġie nfurmat li fit-8 ta' Frar 2015 il-President ta' Malta mhux ser tkun tista' tattendi għall-ftuħ uffiċċjali ta' Misraħ Santa Venera. F'dan ir-rigward is-Sindku ippropona li l-aħjar li noħorġu b'żewġ dati differenti sabiex b'hekk inkunu nistgħu ninfurmaw lill-uffiċċju tal-President sabiex jikkonfermaw d-data.

B'hekk is-Sindku flimkien mal-membri qablu unanimament li d-dati għandhom ikunu jew fid-29 ta' Marzu jew fit-3 ta' Mejju 2015

9.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar komunikazzjoni li irċieva mingħand is-Sur Kenneth Scerri sabiex isiru "First Aid Talks" ġewwa iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Is-Sindku ppropona li dawn it-talks jistgħu jsiru fit-18 ta' Frar, 2015 fl-10am.

Il-Membri qablu unanimament

9.3 Is-Sindku nforma lill-membri dwar l-iskema ta' €1,000,000 li ħareġ il-Gvern fejn il-Kunsilli jistgħu japplikaw għall-proġetti kapitali. Is-Sindku nforma lill-membri li għal din l-iskema huwa tal-fehma li ssir applikazzjoni sabiex jinbena iċ-Ċentru Ċiviku. Il-Membri ġew infurmati li din l-applikazzjoni trid tintbagħat sa mhux aktar tard mit-30 ta' Jannar2015.

Il-Membri qablu unanimament

9.4 Is-Sindku nforma lill-membri li rċieva komunikazzjoni mingħand is-Sur Albert Demarco sabiex fil-lokal issir laqgħa għar-residenti sabiex ikunu nfurmati kif għandhom jgħixu ħajja aħjar. Din il-laqgħa tieħu madwar siegħa. Is-Sindku rrimarka li taħdidiet bħal dawn huma interessanti għar-residenti u għaldaqstant nistgħu nikkomunikaw mas-Sur Demarco biex issir din il-preżentazzjoni fil-bini tal-Kunsill

Il-Membri qablu unanimament

9.5 Is-Sindku nforma lill-membri dwar komunikazzjoni li rċieva mingħand Dr Sarah Cuschieri li qed isir "field work" ta' studju mill-Universita' ta' Malta madwar Malta fejn intgħażlu 4000 ruħ sabiex jiġu ntervistati. Minn Santa Venera intgħażlu madwar 90 ruħ. Għal dan ir-rigward Dr Cuschieri qed titlob lill-Kunsill post fejn ikunu jistgħu jagħmlu din l-intervista fejn ukoll ikun jista' jsir eżami mediku fosthom tal-pressjoni u BMI. L-appuntamenti ma' dawn id-90

resident isiru filgħodu bejn 0715hrs u 1130hrs. Is-Sindku qal li ma jarax li din għandha tkun ta' problema sabiex nospitaw dawn l-intervisti.

Il-Membri qablu unanimament

9.6 Is-Sindku nforma lill-membri fuq il-proġett ta' Triq il-Kanun fejn iltaqa' mas-Sid fejn skont l-istimi it-Triq ser tiġi tiswa madwar €30 000 u l-bankina madwar €2 500 u ser issir minn Penza Construction. Is-Sindku kompla li hu tal-parir li nkelmu l-Perit sabiex f'din iż-żona l-Kunsill jara kemm nistgħu ndaħħlu *parking spaces.*

Il-Membri qablu unanimament

9.7 Is-Sindku nforma lill-membri li rċieva komunikat mingħand is-Sur Jack Vella, Direttur ta' "Maltasquare.com" fejn qiegħed jintalab sabiex il-Kunsill jgħaddi informazzjoni dwar l-istorja ta' Santa Venera. Is-Sindku qal lill-membri li l-Kunsill qiegħed jipprova jagħmel laqgħa mas-Sur Vella sabiex naraw eżatt x'jinkorpora u xi spejjeż hemm.

Il-Membri qablu unanimament

**10. Aġġornament**

L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar l-Erbgħa 18 ta' Frar, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fid-8.45 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati Ilum: 18/2/2015